|

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 20/IX/2026**

**Il-Erbgħa, 13 ta'Mejju, 2026 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Skużati:**
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**20.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**20.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

20.2.1 Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-membri skużati.

**20.3.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

20.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 19 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

20.3.2 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

20.3.3 Il-minuti ġew approvati.

**20.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

20.4.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li nħarġu l-offerti għas-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku u għas-servizz ta' *handyman*.

20.4.2 Is-Sindku ressaq draft tad-dokument ta' l-istrateġija kulturali tar-Rabat li ser tkun amalgamata mal-Victoria 2031.

20.4.3 Is-Sindku qal li kiteb ittra fejn bagħatha lill-entitajiet konċernati rigward il-problema tar-rimi illegali ta' skart li l-Kunsill qed jaffaċja ta' kull ġurnata. Hu sejjaħ li ssir laqgħa bl-involviment ta'dawn l-entitjaiet. Din il-laqgħa saret fis-7 ta' Mejju, 2026 fl-uffiċċju tas-Segretarju permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ipjannar. Flimkien mas-Sindku, is-Segrearju Eżekuttiv, is-Segretrju Permanenti kien hemm ukoll id-Direttur Ġenerali Vicky Xuereb, id-Direttur Ivan Attard li taħtu taqa Eko-Għawdex u b'mod virtwali attendew il-President tar-Reġjun Għawdex, l-Av. Samuel Azzopardi, id-Direttur Ġenerali għal Gvern Lokali Emil Vassallo, id-Direttur għal Gvern Lokali Chris Galea u rappreżentanti mill-ERA. Is-Sindku tenna li rriżulta li fil-preżent l-ERA m'għandiex uffiċjali tal-infurzar. Id-Direttur Ġenerali għal Gvern Lokali insista li skont il-kuntratt, l-iskart għandu jinġabar mir-rotta u mhux biss minn quddiem il-bibien residenzjali. Tenna li l-kuntrattur irid jimxi mal-kuntratt u jekk jibda jġib l-iskużi, il-kuntratt jibda jiġi applikat fl-intier tiegħu. Il-laqgħa spiċċat bil-ftehim li għandha tiġi msejħa laqgħa mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart.

20.4.4 Is-Sindku qal li giet sottomessa applikazzjoni biex il-Kunsill ikun sħab fil-progett Roots flimkien ma erba' pajjiżi oħra. Kemm 'il darba l-applikazzjoni ma tiġix aċċettatha il-Kunsill ma jkun nefaq xejn għall-ispiża tal-applikazzjoni.

**20.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

20.5.1 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward:-

i) SPI/SCI/01/2026 fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li din l-appliakzzjoni mhix eliġibli skont artiklu numur 3.2 taċ-ċirkulari minħabba l-fatt li l-Kunsill din is-sena diġa' bbenefika minn fondi għal attivita' kulturali oħra;

ii) l-Esspressjoni ta' Interess - Minn Pjazza għal Pjazza 2026. Il-Kunsill ma kienx wieħed milli ntgħażlu;

iii) taħriġ għall-pubbiku u impjegati tal-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika. Il-Kunsill applika għal dawn il-korsijiet;

iv) il-proġett – Creative Europe – Culture Strand. Il-Kunsill wera l-interess tiegħu pero' minn naħa tad-Diviżjoni, ikkomunikaw li l-Lead Partner iddeċieda li jipproċedi ma wieħed mir-Reġjuni;

20.5.2 Reġjun Għawdex fejn introduċiet ruħha il-Maniġer li ġiet appuntanta ġdida fuq il-fondi tal-Unjoni Ewropea;

20.5.3 l-Assoċjazzjoni għal Kunsilli Lokali rigward:-
i) Cir AKL 2026/031 – You Matter - Thriving under Pressure Workshop;
ii) URBACT Network Malta;

20.5.4 l-Malta Tourism Authority (MTA) rigward is-Summer Breaktime 2026 fejn tintbagħat il-lista ta' toroq fejn fis-sajf ma jistax isir skavar u twaqqih ta' bini fihom;

20.5.5 il-Gozo Regional and Development Authority fejn qed titlob rakkomadazzjonijiet fuq personalitajiet lokali biex jidhru f'serje ta' filmati li din l-awtorita' ser tagħmel;

20.5.6 ittra uffiċjali mill-Qrati tal-Maġistrait fejn l-ARMS qed titlob ħlas ta' €6,853.73 fuq *metre* tad-dawl li qed jgħidu li hemm fi Triq Salvatore Psaila li suppost ikopri l-*playing field*. Il-Kunsill irrisponda li dan l-ammonti mhux dovut;

20.5.7 l-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) rigward Appell nru. 34/26 ta' applikazzjoni nru. PA/1844/25. Sar appell minn ristorant fi Pjazza San Ġorġ wara li ġiet rifjutata l-applikazzjoni tiegħu mill-PA;

20.5.8 il-Community Police li resqet ilment nru, CRM01799/26 lill-ERA rigward rimi illegali ta' skart b'mod partikulari fi Pjazza Savina, Pjazza J F Kennedy, Triq Wied Seqer, u Triq Kercem;

20.5.9 is-sid ta' dar abbanduanta fi Triq Vajringa. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-entraturi ġew magħluqa u hekk ma jistax iktar jintrema skart f'din id-dar;

20.5.10 Science in the City Team fejn l-applikazzjoni għall-parteċipazzoni jagħlqu fis-27 t'April, 2026;

20.5.11 is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu' fejn il-Kunsill ġie rringrazjat għall-parteċipazzjoni fil-proġett Għawdex tikka tikka – kull tikka storja, kull storja aħna;

20.5.12 il-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki fejn il-Kunsill ġie rringrazjat talli organiżża l-FMVA – Vintage Motors Festival f'Marzu li għadda;

20.5.13 l-iskola St. Francis fejn irringrazjat lill-Kunsill ser jgħin fl-organiżżazzjoni tal-attivita' Agri Meets Culture fil-21 ta'Mejju, 2026 fil-Villa Rundle;

20.5.14 sid ta’ trakk li jibigħ l-ikel talab sabiex jinżabbru s-siġar tal-parkeġġ il-kbir ta’ wara l-bus terminus. Il-Kunsill qabel li jinbeda l-proċess.

20.5.15 Malta Design Indoor & Outdoor Furniture fejn introduċew id-Dog Agility Collection

**20.6 Immaniġjar tat-Traffiku**

20.6.1 Tressqu applikazzjonijiet ġodda għal parkeġġ riservat personalizzat. Dawn huma quddiem:-

i) ‘Canadian Paradise’, Triq Fortunato Mizzi;
ii) 51/52, Triq Taħt Putirjal;
iii) 147, Triq it-Tabib Anton Tabone;
iv) 22, Triq Sant’ Andrija.

Il-Kunsill ser jibgħat il-kummenti tiegħu u jinnota li Triq Sant’ Andrija hi pedonali.

20.6.2 Inħareġ il-permess ta’ TM fuq *double yellow lines* f’kantuniera ta’ Triq it-8 ta’ Diċembru.

20.6.3 Inħareġ il-permess ta’ TM għall-parkeġġ riservat għall-Bingo Hall fi Triq l-10 ta’ Ġunju 1887.

20.6.4 Residenta kitbet fuq il-periklu li hemm fil-*junciton* li hemm fi Triq Gorg Pisani ma Triq l-Ewropa. Hi kitbet wara li reġa kien hemm inċident u ġarbet ħsara fil-porpjeta’ tagħha. Dawn it-toroq huma arterji u jaqgħu fil-ġuridizzjoni tal-Gvern Ċentrali.

20.6.5 Tressqet *trail* ta’ *emails* rigward l-egħluq ta’ Triq Għajn Qatet minħabba xogħol ta’ kostruzzjoni. Resdient fi Triq Ġużeppi Spiteri ilmenta li meta dil-parti ta’ Triq Għajn Qatet tkun magħluqa qed ikollu jidħol kontra l-linja fi Triq Ġużeppi Spiteri. L-uffiċjali ta’ TM ġew konsultati u ser jibda jkollu l-gwida tagħhom sabiex jidħol fi triqtu.

**20.7 Belt Kapitali Ewropea għall-Kultura**

20.7.1 Is-Sindku qal li d-deċiżjoni finali tat-titlu għandha tittieħed f’Settembru li ġej. Minn naħa tal-Gvern Ċentrali ġew allokati 700 elf Ewro sa l-aħħar ta’ din is-sena għall-Fondazzjoni Victoria 2031. Tenna li bħalissa qed jiġi finalizzat l-isptampar tal-*booklet* tal-istrateġija kulturali tar-Rabat.

**20.8 Jum il-Belt Victoria**

20.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li s-serata ta' Jum ir-Rabat ser tittella mill-Gaulitanus Choir u mill-Chorus Urbanus li huma l-korijiet tas-sumrastrijiet li ser jiġu onorati b'Ġieħ il-Belt Victoria.

20.8.2 Is-Sindku propona li jingħataw dawn ir-rikonoxximenti waqt l-istess serata:-
Sport – Mark Buttigieg,
Mużika – Mario Caruana,
Drama – Maria Cassar u Maria Schembri,
Qalb Tajba – Paul Zammit,
Volontarjat – Marlon Mercieca u Carmel Zammit u
Intraprenditorija – l-Aħwa Portelli ta' Portelli Confectionary.

Il-membri qablu.

20.8.3 Bħala festin ta' wara l-okkażjoni, s-Sindku qal li tkellem ma tal-Jubilee pero' ma jistgħux. Il-membri qablu li l-festin jieħu ħsiebu Joshua Zammit.

**20.9 Delegazzjoni – Jerez de la Frontera**

20.9.1 Is-Sindku qal li t-tieni delegazzjoni minn Jerez de la Frontera ser tiġi bejn l-20 u t-22 ta' Mejju, 2026. Ser tkun delegazzjoni ta' tletin ruħ. Il-programm hu mqassam fi żjarat fir-Rabat u madwar Għawdex. Fil-21 ser tiġi organiżżata l-*Gartonomy Night* fejn għalijha nġabu l-fondi mir-Reġjun Għawdex. Il-programm jinkludi wkoll żjara fil-bini tal-Victoria Scout Group fejn ser issir serata b'ikel tipiku Malti u anke' mużika live.

**20.10 *Playing field***

20.10.1 Is-Sindku qal li saret laqgħa oħra mas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Għad baqa xi dokumenti oħra li jrid iressaq il-Perit sa ħmistax oħra. Il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar imbagħad ser imexxi l-proġett bil-periti tiegħu. Ix-xogħol tal-Perit tal-Kunsill ser jitħallas ukoll minn naħa tal-Ministeru. Dan il-proġett hu stmat li ser jiġi jiswa mal-3.8m Ewro li ser jkunu koperti minn fondi Ewropej. Il-proġett jinkludi wkoll id-dwal, żewġ ġibjuni, funtani, kameras u t-toroq ta' madwar il-*playing field*.

**20.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

20.11Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Mejju 2026, skont dokument A anness.

## 20.12 Xogħolijiet oħra

20.12.1 Tressaq ir-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni tal-offerta VLC02/2026 – Tender for the regeneration of Ġnien Qasam San Ġorġ. Kien hemm żewġ offerti. Il-bord qed jirrakomanda li l-offerta tingħata lill-Savio Bugeja peress li għandu l-irħas offerta eliġibli. Il-prezz hu ta' €82,164.50 VAT eskluża. Ser jintużaw il-fondi mill-iskema LESA għal dan il-proġett.

20.12.2 Il-membri qablu li jinxtraw żewġ strumenti għall-baned lokali. Dawn biex tiġi promossa l-kultura f'Beltna. M'għandiex tinqabeż s-somma ta' elf ewro għal kull strument.

20.12.3 Il-membri qablu li il-Ħadd, 24 ta' Mejju, 2026 jinġab grupp ta' Sbandieratori Taljani jagħmlu wirja minn Salib it-Toroq sa Pjazza Inidipendenza. Dan il-grupp inġab għal festival tal-folk fil-Qala u kull ma ntalab hu li jiġu offruti x'jieklu wara l-wirja.

## 20.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-11:30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju, 2026.

Brian Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv